# ANNESS I

# LISTA TA` L-ISMIJIET, GĦAMLA FARMAĊEWTIKA, QAWWA TAL-PRODOTT MEDIĊINALI, MNEJN JINGĦATA, L-APPLIKANT, ID-DETENTUR TA` L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ FL-ISTATI MEMBRI

| **Stat Membru** | **Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem ivvintat** | **Qawwa** | **Għamla Farmaċewtika** | **Mnjen jingħata** |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | AstraZeneca Ősterreich GmbH<br>Schwarzenbergplatz 7<br>A -1037 Wien | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Il-Belġju | NV AstraZeneca SA<br>Egide Van Ophemstraat<br>B-1180 Brussell | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Il-Bulgarija | AstraZeneca Pharmaceuticals AB<br>S-15185 Södertälje<br>L-Isvezzja | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Ċipru | AstraZeneca UK LTD<br>Silk Road Business Park<br>Macclesfield<br>Cheshire<br>SK10 2NA<br>Ir-Renju Unit | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Ir- Republika Ċeka | AstraZeneca UK Ltd<br>Silk Road Business Park<br>Macclesfield<br>Cheshire<br>SK10 2NA<br>Velka Britanie | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Id-Danimarka | AstraZeneca A/S<br>Roskildevej 22<br>2620 Albertslund | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| L-Estonja | AstraZeneca UK Ltd<br>Stanhope Gate 15<br>London W1K 1LN<br>Ühendkuningriik | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Il-Finlandja | AstraZeneca Oy Luomanportti 3<br>FI-02200 Espoo, Finlandja | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Franza | AstraZeneca<br>1 place Renault<br>92844 Rueil-Malmaison Cedex | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |

| **Stat Membru** | **Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem ivvintat** | **Qawwa** | **Għamla Farmaċewtika** | **Mnjen jingħata** |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Germanja | AstraZeneca GmbH<br>22876 Wedel | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Greċja | AstraZeneca S.A.<br>4 Theotokopoulou & Astronafton str<br>151 25 Maroussi<br>Athens, Il-Greċja | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| L-Ungerija | AstraZeneca Kft.<br>2045 Törökbálint<br>Park u 3. Magyarország | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| L-Islanda | AstraZeneca UK Ltd<br>Silk Road Business Park<br>Macclesfield<br>Cheshire,<br>Ir-Renju Unit | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| L-Irlanda | AstraZeneca UK Limited,<br>600 Capability Green,<br>Luton, LU1 3LU, Ir-Renju Unit. | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| L-Italja | AstraZeneca S.p.A.<br>Palazzo Volta - Via F. Sforza<br>20080 - Basiglio (Milano)<br>L-Italja | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Il-Latvja | AstraZeneca UK Limited,<br>Silk Road Business Park<br>Macclesfield,<br>Cheshire,<br>SK 10 2 NA, Ir-Renju Unit | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Il-Litwanja | AstraZeneca UK Limited<br>Silk Road Business Park<br>Macclesfield<br>Cheshire<br>SK 10 2NA<br>Ir-Renju Unit | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |

| **Stat Membru** | **Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem ivvintat** | **Qawwa** | **Għamla Farmaċewtika** | **Mnjen jingħata** |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Lussemburgu | NV AstraZeneca SA<br>Rue Egide Van Ophem<br>B-1180 Brussell | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Malta | AstraZeneca UK Limited<br>Silk Road Business Park<br>Macclesfield<br>Cheshire<br>SK10 2NA<br>Ir-Renju Unit | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| L-Olanda | AstraZeneca BV<br>Louis Pasteurlaan 5<br>2719 EE Zoetermeer | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| In-Norveġja | AstraZeneca AS<br>Hoffsveien 70B,<br>Box 200 Vinderen<br>0319 Oslo, In-Norveġja | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Il-Polonja | AstraZeneca UK Limited<br>Silk Road Business Park<br>Macclesfield<br>Cheshire<br>SK10 2NA<br>Wielka Brytania | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Il-Portugal | AstraZeneca Produtos<br>Farmacêuticos, Lda.<br>Rua Humberto Madeira, 7<br>Valejas<br>2745-663 Barcarena | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Ir-Rumanija | AstraZeneca UK Limited<br>600 Capability Green<br>Luton<br>LU1 3LU<br>Ir-Renju Unit | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |

| **Stat Membru** | **Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem ivvintat** | **Qawwa** | **Għamla Farmaċewtika** | **Mnjen jingħata** |
|---|---|---|---|---|---|
| Lis-Slovakja | AstraZeneca UK Limited<br>Silk Road Business Park<br>Macclesfield<br>Cheshire<br>SK 10 2NA<br>Ir-Renju Unit | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Lis-Slovenja | AstraZeneca UK Limited,<br>15 Stanhope Gate, London<br>W1K 1LN<br>Velika Britanija | Arimidex 1 mg film coated tablets | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Spanja | AstraZeneca Farmacéutica Spain, S.A.<br>Parque Norte<br>Edificio Roble<br>C/ Serrano Galvache<br>56 – 28033 Madrid | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Svezzja | AstraZeneca AB<br>151 85 Södertälje | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |
| Ir-Renju Unit | AstraZeneca UK Limited<br>600 Capability Green<br>Luton<br>LU1 3LU, Ir-Renju Unit | Arimidex | 1 mg | Pilloli miksija b'rita | Użu Orali |

**ANNESS II**

**EMENDI FIS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT**

**EMENDI LI GĦANDHOM JIĠU INKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET RELEVANTI TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦALL- ARIMIDEX.**

**4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif jingħata**

[……]
<u>Tfal</u>

Arimidex mhux irrakkomandat għall-użu fit-tfal peress li m'hemmx biżżejjed informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja (ara sezzjoni 4.4 u 5.1).
[……]

**4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu**

[……]
Arimidex mhux rakkomandat għall-użu fit-tfal peress li s-sigurtà u l-effikaċja ma ġewx stabbiliti f'dan il-grupp ta' pazjenti (ara sezzjoni 5.1).

Arimidex m'għandux jintuża f'subien b'nuqqas fl-ormon tat-tkabbir flimkien mal-kura bl-ormon tat-tkabbir. Fil-prova klinika pivitali, ma deherx li kien effikaċi u s-sigurtà ma kienetx stabbilita (ara sezzjoni 5.1). Peress li anastrozole inaqqas il-livelli ta' oestradiol, Arimidex m'għandux jintuża fi bniet b'deffiċjenza fl-ormon tat-tkabbir flimkien mal-kura bl-ormon tat-tkabbir. M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà fi tfal u adolexxenti bl-użu fit-tul.
[……]

**5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi**

[……]
<u>Pedjatrija</u>

Arimidex mhux indikat għall-użu fi tfal. L-effikaċja ma ġietx stabbilita f'popolazzjonijiet pedjatriċi li kienu studjati (ara hawn taħt). In-numru ta' tfal ikkurati kien limitat wisq biex jitfasslu konklużjonijiet affidabbli dwar is-sigurtà. M'hemmx dejta dwar l-effetti li jista' jkun hemm bil-kura fit-tul b'anastrazole fi tfal (ara wkoll sezzjoni 5.3).

L-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini neħħiet l-obbligu li jiġu sottomessi r-riżultati ta' l-istudji b'Arimidex f'wieħed jew aktar sottogruppi tal-popolazzjoni pedjatrika ta' statura żgħira minħabba nuqqas ta' l-ormon tat-tkabbir (GHD), testotoksikożi, ġinekomastja u sindrome ta' McCune-Albright.

<u>Statura żgħira minħabba nuqqas ta' l-ormon tat-tkabbir</u>
Studju randomised, double blind, multiċentriku evalwa 52 tifel fil-pubertà (bejn 11-16-il sena inklużi) fuq kura b'GHD li ngħataw kura għal 12 sa 36 xahar b'Arimidex 1 mg/jum jew plaċebo flimkien ma' l-ormon tat-tkabbir. 14-il individwu biss minn dawk li kienu fuq anastrozole temmew is-36 xahar.

Wara 3 snin anastrozole instab li b'mod statistikament sinifikanti jikkawża ittardjar fil-maturazzjoni ta' l-għadam f'subien waqt il-pubertà li jkunu fuq terapija bl-ormon tat-tkabbir. Ma kienx hemm differenza statistikament sinifikanti bil-plaċebo fil-parametri relatati mat-tkabbir fit-tul imbassar għal meta jsiru adulti, tul, tul SDS u kemm jitwalu malajr. Dejta dwar it-tul li ntlaħaq fl-aħħar ma kienetx disponibbli. Fil-waqt li n-numru ta' tfal ikkurati kien limitat wisq sabiex jitfasslu konklużjonijiet affidabbli dwar is-sigurtà, kien hemm żieda fir-rata ta' fratturi u tendenza li tonqos id-densità minerali tal-għadam fil-fergħa ta' anastrozole imqabbla mal-plaċebo.

<u>Testotoksikożi</u>

Studju open-label, mhux komparattiv evalwa 14-il pazjent maskili (bejn 2-9 snin) b'pubertà prekoċi assoċjata ma' l-irġiel tal-familja, magħrufa wkoll bħala testotoksikożi, ikkurata b'taħlita ta' Arimidex u bicalutamide. Lgħan ewlieni kien sabiex jiġu stmati l-effikaċja u s-sigurtà ta' dan ir-reġimen ta' kura bit-taħlita fuq 12-il xahar. Tlettax minn erbatax il-pazjent irreġistrati lestew 12-il xahar ta' kura bit-taħlita (pazjent wieħed intilef fil-follow-up). Ma kienx hemm differenza sinifikanti fir-rata tat-tkabbir wara 12-il xahar ta' kura, meta mqabbla mar-rata tat-tkabbir fis-6 xhur ta' qabel il-kura.

**5.3 Dejta dwar is-sigurta ta' qabel l-użu kliniku**

[……]

Fi studju dwar il-fertilità firien maskili li kienu għadhom kif waqfu mit-treddigħ kienu dożati b' 50 jew 400mg/l anastrozole mill-ħalq, permez ta' l-ilma tax-xorb tagħhom, għal 10 ġimgħat. Il-medja imkejla ta' konċentrazzjonijiet fil-plażma kienu 44.4 (+/- 14.7) ng/ml u 165 (+/-90) ng/ml rispettivament. L-indiċi tal-ħila biex jgħammru kienet imxekkla fiż-żewġ gruppi ta' kura, fil-waqt li tnaqqis fil-fertilità kienet evidenti biss bil-livell tad-doża b'400 mg/l. It-tnaqqis kien wieħed mumentanju peress li l-parametri dwar il-ħila ta' tgħammir u fertilità kienu simili mal-valuri mill-gruppi ta' kontroll wara perijodu ta' 9-ġimgħat mingħajr kura.

**ANNESS III**

**KUNDIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

L-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali kkoordinati mill-Istat Membru ta' Referenza għandhom jiżguraw illi l-kundizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti mid-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

L-Applikant jaderixxi għal dan li ġej:

- Tissottometti Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju (jew aġġornament tiegħu) għal Arimidex fuq livell Nazzjonali, meħuda in konsiderazzjoni dejta pedjatrika ġdida u rakkommandazzjonijiet tas-CHMP.
- Tassigura li l-Fuljett ta' Tagħrif fil-lingwi kollha fih dikjarazzjoni li tirreferi għall-fatt li Arimidex m'għandux jingħata lit-tfal.